# Fil-Qorti tal-Maġistrati (Malta)

**Bħala Qorti ta` Ġudikatura Kriminali**

**Maġistrat dottor Aaron M. Bugeja M.A. Law, LL.D. (*melit*)**

**Il-Pulizija**

**vs**

**Emanuel Attard**

Il-Qorti rat l-imputazzjoni miġjuba kontra **Emanuel Attard**, (li skont il-PIRS report jirriżulta li għandu l-karta tal-identita bin-numri 205666M, u li huwa iben Clement u Annunzjata nee Fenech) li permezz tagħha huwa ġie akkużat talli nhar it-8 t'Ottubru 2014 għall-ħabta tal-16:00 u fil-ġranet oħra, b'diversi atti magħmulin minnu ukoll jekk fi żminijiet differenti iżda li jiksru l-istess disposizzjoni tal-Liġi u li ġew magħmula b'riżoluzzjoni waħda : -

(1) Bl-imġieba tiegħu ikkaġuna lil Justin Camilleri (ID50885M) biża li ser tintuża vjolenza kontrih meta kien jaf jew messu kien jaf li bl-imġieba tiegħu ser tikkaġuna lil Justin Camilleri biża li ser tintuża kontrih f'xi okkażjoni (Artikolu 251B(1)(2) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta);

(2) U aktar talli fl-istess żmien  u ċirkostanzi ġab ruħu b'mod li ta fastidju lil Justin Camilleri u/jew b'mod li kien jaf jew messu kien

jaf li dan kien ta' fastidju għal Justin Camilleri (Artikolu 251A(1)(a)(b) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;

(3) U aktar talli fl-istess żmien u ċirkostanzi inġurja u/jew hedded lil Justin Camilleri u dan bi ksur tal-Artikolu 339(1)(e) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Il-Qorti ġiet mitluba wkoll sabiex toħroġ ordni ta' protezzjoni ai termini tal-Artikolu 412C fejn tipprojbixxi lill-imputat milli javviċina li lJustin Camilleri u r-residenza tiegħu kif ukoll il-post li tali persuna tiffrekwenta.

Il-Qorti ġiet ukoll mitluba sabiex tipprovdi wkoll għas-sigurta ta' Justin Camilleri ai termini tal-Artikolu 382A et seq tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Rat l-atti u d-dokumenti ippreżentati;

Semgħet il-provi prodotti u s-sottomissjonijiet tal-partijiet;

***Ikkunsidrat : -***

Illi l-provi prodotti f'dan il-każ ġew kollha traskritti u għalhekk din il-Qorti mhix sejra tirriproduċi xi rriżulta. Biss tqis li minn qari tal-istess xiehda, meta l-Qorti tqis b'mod partikolari l-inċidenti li seħħew bejn il-

11 ta' Lulju sat-8 t'Ottubru 2014 bejn il-parte civile u l-imputat, din il-Qorti hija konvinta lil hinn minn kull dubju dettat mir-raġuni li r-reati kontestati lill-imputat ġew kollha pruvati fl-elementi tagħhom.

Jirriżulta ampjament ippruvat li bejn il-11 ta' Lulju 2014 u t-8 t'Ottubru 2014 ir-relazzjoni bejn l-imputat u l-parte civile għamlet majnata kbira. Ġew pruvati diversi episodji fejn intwera' li l-imputat ġab ruħu b'mod li mhux biss irreka fastidju kemm bil-kliem, bl-aġir u bl-azzjoni tiegħu li seħħew b'mod ripetut; iżda ġie soddisfaċentement ippruvat ukoll li tali kliem, aġir u azzjoni tiegħu iddeġenera u żdied fid-doża ta' inġurja w minaċċja tali matul il-kors taż-żmien hawn fuq imsemmi spiċċa sawwar f'moħħ il-parte civile l-biża reali li kienet ser tintuża vjolenza kontra tiegħu. Eżami akkurat tal-provi prodotti ma jħalli ebda dubju dwar dan. Verament li l-imputat huwa raġel li jitkellem jgħajjat minnu, u peress li fih raġel jista' wkoll inissel f'dak li jkun ċertu apprensjoni. Iżda f'dan il-każ ma kienux biss l-istatura u l-mod kif jitkellem normalment l-imputat li kienu determinanti iżda preċiżament l-attitudni ostili u vjolenti li biha kien ikellem lill-parte civile u l-mod anke vjolenti kif kien beda jaġixxi fil-konfront tiegħu.

Dan joħroġ ċar mix-xiehda tal-parte civile u martu minn fejn jirriżulta pależament kif il-kliem u l-egħmil tal-imputat kien qiegħed isawwar biża fihom li ma kienx qiegħed iħallihom jgħixu f'darhom fil-kwiet u bla biża.

Anzi minbarra din ix-xiehda hemm ukoll dik ta' Brian Formosa minn fejn jirriżulta wkoll episodju ieħor fejn l-aġir u kliem vjolenti rivolt mill-imputat lejn Justin Camilleri ġie pruvat. Dan it-terz ukoll deher biċ-ċar fuq il-pedana tax-xiehda li kien skomdu u li ddeskriva l-inċident b'mod li anke fih deher li kien hemm element ta' biża b'dak li kien seħħ. Pero dan ma kienx inċident iżolat.

Ġew pruvati diversi episodji ta' tgħajjir u aġir li kjarament jikkostitwixxu minaċċi skont il-Liġi – inkluż b'episodju fejn l-imputat kellem lil Justin Camilleri tant qrib li kważi ġie wiċċ imb'wiċċ, kif ukoll li għamillu idejh ma wiċċu f'atteġġjament verament ostili li kjarament kien maħsub li jnissel mhux biss sens ta' theddid iżda wkoll biża f'Justin Camilleri. Għalkemm b'xorti tajba l-imputat qatt ma refa' jdejh fuq Justin Camilleri, l-atteġġjament tiegħu lejh huwa kjarament wieħed ostili u aggressiv u dan l-atteġġjament ippersista fuq medda ta' tliet xhur u mmanifesta ruħu f'diversi okkażjonijiet li ħarġu matul il-ġbir tal-provi f'dan il-każ.

Din il-Qorti ma tistax tittollera dan l-aġir da parti tal-imputat. Jista' jkun verament li huwa jħossu mweġġgħa mill-fatt li huwa konvint li kien Justin Camilleri li kien irrapurtah lil Pulizija dwar il-fatt li kien jipparkja l-vann fl-isqaq jew b'mod li kien jostakola l-istess sqaq. Pero prova ta' dan huwa ma għandux. Għandu s-suspett li kien Camilleri. Pero anke

jekk għall-grazzja tal-argument huwa għandu raġun f'dak li qed jaħseb ma jista' qatt iġib ruħu bil-mod kif ġie pruvat matul il-kors ta' dan il-każ. U dan ukoll għaliex jekk kellu raġun issa spiċċa biex jieħu t-tort tal-atteġġjament żbaljat tiegħu.

## ***Decide***

Li qegħda ssib lill-imputat ħati tal-imputazzjonijiet miġjuba kontrih u wara li rat l-Artikoli 251A(1)(a)(b), 251B(1)(2) u l-Artikolu 339(1)(e) tal-Kodiċi Kriminali tikkundannah għall-perjodu ta' ħames xhur priġunerija; iżda wara li rat l-Artikolu 28A tal-Kodiċi Kriminali tordna li din is-sentenza ma għandhiex tiġi fis-seħħ għajr ħlief jekk matul il-perjodu ta' tliet snin millum il-ħati jikkommetti reati ieħor li għalih hemm il-piena ta' priġunerija.

Il-Qorti fehmet lil ħati bi kliem ċar u li jinftiehem ir-responsabbilta' tiegħu u l-konsegwenzi li jitnisslu fil-każ li huwa jikkommetti tali reat ieħor matul il-perjodu operattiv ta' din is-sentenza sospiża u dan ai termini tal-Artikoli 28A(4) u 28B tal-Kodiċi Kriminali.

Inoltre, wara li rat l-Artikolu 412C tal-Kodiċi Kriminali, il-Qorti sabiex tipprovdi għas-sigurta ta' Justin Camilleri, Anthea Camilleri u l-familjari kollha tagħhom, kif ukoll sabiex tipproteġihom minn fastidju jew molestja inkluż ħsara fiżika jew patrimonjali tagħhom qegħda toħroġ

ordni ta' protezzjoni kontra l-ħati skont id-digriet li qiegħed jiġi anness ma din is-sentenza u li tifforma parti integrali minnha.

***Mogħtija illum id-9 ta' Diċembru 2015 fil-Qrati tal-Ġustizzja, Valletta.***

***Aaron M. Bugeja.***